MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 143/1992/1

**Avukat Hugh Peralta bhala Prokuratur Spcejali ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Thyssen Carbometal Gmbh u skont digriet datat 30 ta’ Jannar, 2013, l-atti gew trasfuzi f’isem is-socjeta` ThyssenKrupp AG**

**vs**

**Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks u Lawrence Ciantar bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Enemalta Corporation u b’digriet tal-4 ta’ Novembru, 2010, Saviour Gauci f’isem il-Gvern bhala successur tal-*Malta Drydocks* gie awtorizzat jassumi l-atti ta’ din il-kawza minflok il-*Malta Drydocks* u skont verbal datat 30 ta’ Gunju, 2011, Leonard Sacco gie awtorizzat jassumi l-atti ta’ din il-kawza minflok Saviour Gauci f’isem il-Gvern bhala successur tal-*Malta Drydocks***

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni promotrici datata l-31 ta' Jannar, 1992, li permezz taghha l-attur nomine sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi l-kontendenti fuq riferiti kienu kkonkludew kuntratt fid-9 ta' Settembru, 1988, li permezz tieghu l-attur nomine intrabat li jissuplixxi faham lill-Korporazzjoni konvenuta u li jipprovdi xoghol lil *Malta Drydocks* fil-valur ta' erbghin fil-mija (40%) mill-prezz ta' bejgh tal-imsemmi faham, (ara fol 4 *et sequitur*);

2. Illi l-attur nomine kien ghamel kuntratt iehor, ukoll datat id-9 ta' Settembru, 1988, mal-konvenut l-iehor *Malta Drydocks* din id-darba dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol riferit fil-paragrafu precedenti, ghall-hlas relattiv u ghall-penali, (ara fol 13 *et sequitur*);

3. Illi l-faham in dizamina kien offrut lill-Korporazzjoni konvenuta f'erba' (4) kunsinni mid-data tal-kuntratt fuq indikata sat-18 ta' Gunju, 1989;

4. Illi l-attur nomine ipprovda l-garanzija pattwita lill-Korporazzjoni EneMalta fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), tal-valur tax-xoghol li l-istess attur nomine kellu jaghti lil *Malta Drydocks*, liema garanzija giet zburzata mill-korporazzjoni konvenuta fl-ammont totali ta' seba' mija u tlettax –il elf u tmien mija u sebgha u ghoxrin dollaru Amerikan, ($713,827.00);

5. Illi mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kellu jintilef biss tlieta fil-mija, (3%), ekwivalenti ghal hamsa u tmenin elf, sitt mija u sebgha u hamsin dollaru Amerikan, ($85,657.00), ghas-saldu ta' l-obbligazzjonijiet tal-attur nomine lil *Malta Drydocks* f'kaz li l-attur nomine ma jipprovdix ix-xoghol fi zmien kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;

6. Illi l-korporazzjoni konvenuta zbankat u zammet l-ammont totali tal-garanzija f'rati kif indikati fic-citazzjoni promotrici;

7. Illi l-ammont *de quo* ma kellux jigi hekk imhallas lil *Malta Drydocks* salv ghal hamsa u tmenin elf, sitt mija u sebgha u hamsin dollaru Amerikan, ($85,657.00);

8. Illi ghalhekk hemm bilanc ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin elf, mija u sebghin dollaru Amerikan, ($628,170.00), li hu rifondibbli lill-attur nomine;

9. Illi l-attur nomine onora l-obbligi kontrattwali tieghu kemm fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll fil-konfront tal-*Malta Drydocks*;

10. Illi l-*Malta Drydocks* kellha l-obbligu li tinforma lill-Korporazzjoni Enemalta li l-attur nomine kien wettaq u/jew jigi kkunsidrat li wettaq l-obbligazzjonijiet tieghu taht l-imsemmi kuntratt u/jew skont il-ligi;

11. Illi l-*Malta Drydocks* naqset li taghmel dan;

12. Illi l-attur nomine baqa' ma giex rimburzat l-ammont ta' sitt mija u tmienja w ghoxrin, mija u sebghin dollaru Amerikan ($628,170.00), minhabba xi raguni imputabbli lil xi wiehed mill-konvenuti;

13. Illi ghalkemm iz-zewg konvenuti fuq riferiti gew debitament interpellati biex ihallsu l-ammont hawn pretiz mill-attur nomine, dawn baqghu inadempjenti;

14. Illi l-attur nomine ma jistax jidentifika min miz-zewg konvenuti hu responsabbli ghar-rimbors;

15. Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li l-attur nomine hu ntitolat skont il-kuntratti li ma jhallasx oltre l-imsemmija tlieta fil-mija (3%) mill-valur tal-erbghin fil-mija (40%), tal-valur tal-

faham konsenjat skont il-paragrafu 3 tal-ftehim mal-*Malta Drydocks* tad-9 ta' Settembru, 1988, fuq riferit, ghas-saldu ta' l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-*Malta Drydocks*, u li fil-fatt din is-somma giet imhallsa;

ii. Tiddikjara li l-attur nomine fil-fatt hallas u hu ghalhekk intitolat ghar-rimbors ta' sitt mija u tmienja w ghoxrin elf u mija u sebghin dollaru Amerikan, ($628,170.00), jew somma ohra verjuri, oltre l-imghax, mill-konvenuti;

iii. Tistabilixxi u tiddikjara min miz-zewg konvenuti hu responsabbli, u f'liema ammont, u li jirrifondu lill-attur nomine a bazi tal-kuntratti u ragunijiet fuq indikati, bl-imghax kif mitlub fl-istess citazzjoni promotrici;

iv. Tikkundanna lill-konvenut/i, jew min minnhom, biex jirrifondu s-somma fuq indikata lill-attur nomine, bl-imghax;

v. Bl-ispejjez u l-imghax dovut mid-dati relattivi sad-data tal-effettiv pagament;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Sammy Meilaq nomine datata d-19 ta' Frar, 1992, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-attur nomine jrid jipprova l-mandat tieghu biex jirrapprezenta lid-ditta Thyssen Carbometal Gmbh;

2. Illi l-imsemmija ditta indikata fil-paragrafu precedenti naqset li tipprovdi xoghol ghal *Malta Drydocks* kif pattwit;

3. Illi ghalkemm l-istess imsemmija ditta erroneament ghamlet xi pagamenti taht il-kuntratt tad-9 ta' Settembru, 1989, (*recte* 1988), fuq riferit, dawn kienu effettivament regghu talbuhom lura u inghatawlhom, (ara fol 25);

4. Illi ghalhekk il-pozizzjoni effettiva hi li l-*Malta Drydocks* ma thallset xejn taht il-kuntratt imsemmi, u ghalhekk, m'ghandha l-ebda obbligu fil-konfront tal-kontendenti l-ohra;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent nomine, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-isepjjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Lawrence Ciantar fil-kwalita` tieghu kif fuq indikata datata s-27 ta' Frar, 1992, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti: (ara fol 28)

1. Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-Korporazzjoni konvenuta imxiet skont il-ftehim mal-attur nomine;

3. Illi kien l-istess attur nomine li naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 t'April, 1992, li permezz tieghu hatret lill-perit legali hemm indikat biex jisma' l-provi, jzomm access u finalment jirrelata, (ara fol 36);

Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Mejju, 1996, li permezz tieghu ordnat li l-perit legali fuq riferit ikun assistit minn assistent gudizzjarju hemm indikat, (ara fol 64);

Rat il-verbal datat l-24 ta' Settembru, 1997, fejn permezz tieghu il-qorti diversament preseduta giet infurmata " … li finalment saret l-ewwel seduta ghall-provi" – kwazi sitt (6) snin wara li giet intavolata c-citazzjoni promotrici, (ara fol 68);

Rat in-nota datata t-23 ta' Frar, 1999, li permezz taghha, nonostante t-trapass ta' zmien riskontrat, l-attur nomine iddikjara li hu kien ghad ghandu nteress fil-kontinwazzjoni

tal-kawza, (ara fol 68), li kien appozitament mistieden jaghmel hekk mill-qorti diversament preseduta fit-22 ta' Frar, tal-istess sena, (ara fol 67);

Rat in-noti tal-perit legali *de quo* rispettivament datati l-5 ta' Lulju, 2000 u s-16 ta' Novembru, 2000, li permezz taghhom ta rendikont tal-progress li kien sar fil-kawza sa dak il-mument, (ara fol 76 u fol 80);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-21 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu tat il-fakolta` lill-attur nomine li jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto tal-kontroparti li jkollhom ukoll il-fakolta` li jirrispondu, it-tnejn fit-terminu hemm rispettivament impost, (ara fol 88 u 89);

Rat biss in-nota ta' sottomissjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta datata t-30 ta' Lulju, 2002, (ara fol 90) stante li ma jidhirx li dik tal-attur nomine giet minnu pprezentata;

Rat il-verbal datat it-8 ta' Mejju, 2003, li permezz tieghu l-qorti diversament preseduta giet informata li l-partijiet ezawrew il-provi taghhom u li pprezentaw noti ta' sottomnissjonijiet, (ara fol 95);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 ta' Novembru, 2004, li permezz tieghu awtorizzat lill-perit legali riferit li anke jekk il-konvenuti jonqsu li jipprezentaw in-nota taghhom, hu xorta jghaddi ghar-rapport, (ara fol 102), ghalkemm ghandu immedjatament jigi ribadit li fl-atti jirrizulta minflok li l-korporazzjoni konvenuta kienet effettivament giet pprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet taghha fit-30 ta' Lulju, 2002, (ara fol 90), u l-attur nomine kien ghadu ma ottemporax ruhu mad-digriet fir-rigward;

Rat ir-rikors tal-attur nomine datat is-16 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu informa lill-qorti diversament preseduta li kellu informazzjoni li l-perit legali nvolut ma kienx f'pozizzjoni li jipprezenta r-rapport tieghu u li konsegwentement ma kienx qed joggezzjona li jigi sostitwit, (ara fol 110), u b'hekk talab is-sostituzzjoni tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu irrevokat *contrario imperio* l-inkarigu moghti lill-istess perit legali in dizamina u ordnat li dan ghandu wkoll jirritorna l-inkartament fir-Registru tal-Qorti fiz-zmien hemm indikat, (ara fol 112);

Rat in-nota tal-perit legali riferit datata l-21 ta' Frar, 2007, li permezz taghha irritorna l-inkartament riferit fil-paragrafu precedenti, (ara fol 113);

Rat in-nota ta' l-attur nomine in atti tal-istess inkartament fil-pussess tal-perit legali riferit datata s-6 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha l-istess attur nomine informa lill-istess perit legali li kien qed jesebixxi kopja ohra tan-nota ta' osservazzjonijiet pprezentata minnu originarjament fit-2 ta' Lulju, 2002, peress illi l-istess ma tifformax parti mill-process ghax mitlufa, (ara fol 180);

Rat l-istess nota riferita fil-paragrafu precedenti, (ara fol 181 *et sequitur)*;

Tirrileva li ma jezisti l-ebda dokumentazzjoni rigward l-udjenza msejha ghas-7 ta' Marzu, 2007, kif indikat fl-udjenza tal-25 ta' Jannar ta' l-istess sena, (ara fol 112), u jirrizulta li l-udjenza sussegwenti hi dik datata s-27 ta' Frar, 2008, biex b'hekk jirrizulta vojt processwali ta' kwazi sena, (ara fol 192);

Rat ir-rikors datat id-29 t'Awwissu, 2008, li konsegwenza tieghu il-kawza thalliet ghall-legittimazzjoni tal-atti, (ara fol 193 u 195);

Rat ir-rikors datat it-30 ta' Gunju, 2011, (ara fol 206);

Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-30 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu laqghet ir-rikors riferit fil-paragrafu precedenti u awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 208);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine datata l-31 t'Awwissu, 2011, (ara fol 213 *et sequitur*);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta datata t-28 ta' Ottubru, 2011, (ara fol 228);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut l-iehor Sammy Meilaq nomine datata l-21 ta' Novembru, 2011, (ara fol 234 *et sequitur*);

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Illi wara li anke kienet giet ezawrita t-trattazzjoni finali, il-qorti giet infurmata li nonostante is-suespost is-socjeta` rapprezentata in atti mill-attur nomine m'ghandhiex personalita` guridika u konsegwentement kienet kostretta f'dan l-istadju tardiv titlob lill-partijiet jinvestu dan l-izvilupp, (ara fol 245);

Rat ir-rikors tal-attur nomine datat is-16 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu talab lill-qorti tawtorizzah jassumi l-atti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` hemm indikata, (ara fol 247);

Rat ir-risposta tal-korporazzjoni konvenuta datata t-23 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti talbet li din il-qorti joghgobha tichad it-talba indikata fil-paragrafu precedenti, (ara fol 251);

Rat ir-risposta tal-konvenut Leonard Sacco datata l-25 ta' Mejju, 2012, li allura irrizerva li anke f'dan l-istadju, jindika li jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ohra inkluza l-preskrizzjoni, (ara fol 252);

Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu:

1. Cahdet it-talba tal-attur nomine;

2. Tirriserva li tibghat il-procedura *sine die* wara li tisma' lill-partijiet fir-rigward, (ara fol 257);

Rat il-verbal tal-attur nomine datat is-26 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu infurma lill-qorti li kien hemm il-htiega li jaghmel il-legittimazzjoni tal-atti, (ara fol 258);

Rat in-nota datata l-21 t’Awwissu, 2012, li permezz taghha l-abbli rapprezentanti legali tal-attur nomine irrinunzja ghall-patrocinju tal-istess, (ara fol 261);

Rat ir-rikors tal-attur nomine datat it-8 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu talab li l-atti jigu trasfusi minnu ghan-nom tas-socjeta` ThyssenKrupp AG, (ara fol 371);

Rat ir-risposta tal-korporazzjoni konvenuta datata t-23 ta’ Jannar, 2013, li permezz taghha irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-qorti, (ara fol 368);

Rat id-digriet taghha datat it-30 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur nomine indikata fil-paragrafu ta’ qabel dan, (ara fol 371);

Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha fl-atti tal-procedura odjerna;

Rat id-dokumentazzjoni kospikwa ipprezentata;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` ThyssenKrupp AG kif rapprezentata mill-attur nomine fuq indikat, qed titlob li tinghata l-ammont minnha indikat fic-citazzjoni promotrici a bazi tal-kuntratti datati d-9 ta’ Settembru, 1988, fuq ukoll riferiti ghaliex hi hallset il-persentagg minnha hemm dovut u ghaddiet ix-xoghol marittimu lil *Malta Drydocks* kif minnha ellegatament sostenut;

2. Illi ghalkemm il-*Financial Controller* tal-korporazzjoni konvenuta jsostni li “dwar il-fatti kif imsemmija fic-citazzjoni, hemm qbil,” (ara fol 119),

ghandu immedjatament jigi ribadit li dak mhux ghal kollox ezatt;

3. Illi l-vertenza odjerna hi bbazata fuq zewg kuntratti separati u distinti, it-tnejn datati 9 ta’ Settembru, 1988, wiehed mal-korporazzjoni konvenuta ghax-xiri tal-ammonti ta’ faham hemm pattwit u l-iehor mal-*Malta Drydocks*, biex din tinghata x-xoghol marittimu mis-socjeta` estera kif hawn rapprezentata skont il-persentagg u modalita` pattwiti;

4. Illi skont l-ewwel kuntratt fuq riferit is-socjeta` hawn rapprezentata mill-attur nomine intrabtet ukoll li tissuplixxi tip partikolari ta’ faham lill-korporazzjoni konvenuta;

5. Illi skont it-tieni kuntratt l-istess socjeta` hawn rapprezentata mill-attur nomine dahlet fi ftehim partiokolari li permezz tieghu obbligat ruhha li ssib xoghol ghat-tarzna u b’hekk tikkontribwixxi wkoll ghall-ekonomija lokali billi tiggarantixxi l-impjieg ta’ min kien involut;

6. Illi in vista tal-istess, is-socjeta` attrici obbligat ruhha wkoll li tipprovdi garanzija bankarja lill-korporazzjoni konvenuta;

7. Illi l-kuntratti fuq riferiti kienu bdew jigu operati bil-mod pattwit u allura il-korporazzjoni konvenuta bdiet tixtri l-faham kif miftiehem;

8. Illi tenut kont tas-suespost, allura skatta l-obbligu kontigwu li s-socjeta` estera rapprezentata in atti mill-attur nomine li din tipprovdi, “*ex contractu*”, ix-xoghol lit-tarzna fil-valur kif pattwit fl-istess kuntratt *ai termini* tal-klawsola 18 tal-istess, (ara fol 12), u li tghaddi lill-korporazzjoni konvenuta garanzija bankarja ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), tal-prezz ta’ kull konsenja faham;

9. Illi in effetti tul ir-relazzjoni bejn il-partijiet in dizamina s-socjeta` hawn rapprezentata mill-attur nomine

harget hames (5) garanziji bankarji favur l-istess korporazzjoni *de quo*;

10. Illi fl-istess perjodi, u a bazi tal-istess relazzjoni kontrattwali fuq riferita, is-socjeta` estera hawn rapprezentata mill-attur nomine harget ukoll erba' (4) garanziji bankarji favur it-tarzna, fl-ammont ta' tlieta fil-mija (3%) ta' erbghin fil-mija (40%), tal-prezzijiet tal-konsenji tal-faham konsenjat lill-korporazzjoni konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontenzjoni bejn il-partijiet tippernja fuq il-fatt li s-socjeta` estera fuq indikata ssostni li mxiet skont il-kuntratti pattwiti fuq riferiti, filwaqt pero` li l-konvenuti jsostnu li dan mhux minnu ghaliex ix-xoghol marittimu li din kienet marbuta li tressaq lit-tarzna qatt ma avvera ruhu;

Illi min analizi tax-xhieda prodotta jidher li r-rapprezentanti tas-socjeta` estera kienu sodisfatti li qed jottemporaw ruhhom mal-kuntratti *de quo* meta jeffettwaw il-garanziji bankarji fuq riferiti u ghalhekk intavolaw il-procedura odjerna;

Illi pero` ghandu jinghad li minn analizi tal-atti odjerni ma jirrizultax li din is-socjeta` estera gabet ix-xoghol minnha pattwit lit-tarzna skont l-imsemmi ftehim, dan, kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Gerhard Pinter li jghid dan ghamlitu ghaliex it-tarzna qatt ma avzatha meta kellha tghaddilha dan ix-xoghol, oneru li kien imissha gibdet l-attenzjoni tas-socjeta` tieghu ghalih ghaliex ix-xoghol pattwit qatt ma gie minnha mressaq lit-tarzna, (ara fol 6 tal-affdavit tal-istess a fol 56);

Illi jidher li din is-socjeta` estera tissorvola dan in-nuqqas billi, kif jirrizulta mill-istess affidavit tal-imsemmi Pinter, il-fatt li t-tarzna tircievi l-persentagg indikat fil-garanzija bankarja in dizamina kien bizzejjed ghaliha biex titqies li kienet qed tissodisfa l-oneru minnha assunt;

Illi ovvjament, il-konvenuti jirrespingu din l-interpellazzjoni bil-qawwa, u jikkontendu minflok li t-talbiet tal-attur nomine ghandhom kollha jigu respinti stante li kienet is-socjeta` estera minnu hawn rapprezentata li naqset li tottempora ruhha mal-kuntratti minnha pattwiti;

Ikkunsidrat:

Illi kif isostni r-rapprezentant tal-*Malta Drydocks* li jinvoka l-artikolu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta’ hsara jew ta’ gid ghal haddiehor …”;

Illi ghalhekk il-kuntratti in dizamina datati d-9 ta’ Settembru, 1988, huma parallelli u separati minn xulxin u konsegwentement jobbligaw biss lill-partijiet hemm separatement u independentement involuti;

Illi ghandu jigi ribadit li jirrizulta assodat li l-garanzija bankarja pattwita in sostituzzjoni tal-obbligu li s-socjeta` estera li tipprovdi x-xoghol lit-tarzna jindika *a priori indole* refrattarju intiz biex jissodisfa xi skurpli li wiehed seta’ facilment janticipa;

Illi *di piu`*, ma jirrizultax mil-kuntratti *de quo* li xi wahda mill-partijiet involut setghet tassenja l-obbligi taghha lil terzi minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra involuta, kunsens li ma jirrizultax li nghata la mill-korporazzjoni konvenuta u lanqas mit-tarzna, u li konsegwentement is-socjeta` estera hawn rapprezentata mill-attur nomine qatt ma setghet tbiddel dawn l-obbligi minnha assunti unilateralment;

Illi ghandu jigi wkoll ribadit li stante li l-kuntratti in dizamina fuq riferiti huma separati u distinti minn xulxin, ma jirrizultax li l-konvenuti kellhom xi obbligu impost fuqhom li jinfurmaw lis-socjeta` estera bl-andament tar-relazzjoni kuntrattwali separatement realizzata bejn il-kontendenti

biex b'xi mod, jinfurmaw lil din is-socjeta` estera bl-ezitu tal-istess, u biex allura hi tkun tista' tagixxi skont l-obbligi minnha assunti fil-kuntratti *de quo*;

Illi ghalhekk kien unikament l-obbligu tas-socjeta` estera kif hawn rapprezentata mill-attur nomine hi kellha l-obbligu unilaterali li tottempora ruhha mal-istess kuntratti u fil-kaz ta' dak mal-*Malta Drydocks*, tforni x-xoghol pattwit;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li l-korporazzjoni konvenuta kienet debitament intitolata tizbanka l-garanzija rilaxxata favur taghha stante li s-socjeta` estera in dizamina ma jirrizultax li ghaddiet ix-xoghol li obbligat ruhha li tghaddi lit-tarzna lokali, u qatt ma tat opportunita` lill-istess li jkollha xi xoghol minnha lilha indirizzat;

Illi konsegwentement, il-korporazzjoni konvenuta wkoll m'ghandha l-ebda obbligu kontrattwali favur is-socjeta` estera in dizamina kif minnha allegat;

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet tal-attur nomine ma gewx minnu ipprovati skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li allura takkolji l-eccezzonijiet tal-konvenuti fuq indikati, tirrespingi t-talbiet tal-attur nomine fuq ukoll indikati, bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------